**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 6**

IT-TNEJN 29 TA' LULJU 2013 FIL-3.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku Max Zammit fetaħ il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Laqghat tal-Kunsill tad-29 ta' Lulju 2013 ġew moqrija waqt il-laqgħa u ġew approvati.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-laqgha li kellu mal-MEPA. Hu spjega kif se jsir reviżjoni tal-Pjan Lokali. Is-Sindku Max Żammit qed jitlob li ssir evalwazzjoni minn naħa tal-Kunsill sabiex jigu stipulati is-suġġerimenti għal dan il-Pjan Lokali. Spjega kif hemm *website* tal-MEPA fejn in-nies jistgħu jiġu l-Kunsill u jibgħatu għall-informazzjoni li hemm bzonn fuq il-lokalita' ta' Ta' Xbiex u jekk ikun kemm bżonn ngħinuhom aħna.

2.2 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward l-Attivita' ta' Miss Malta li kienet se ssir ix-Xatt ta' Ta' Xbiex fejn il-Black Pearl dak inhar fil-għaxija. Hu qal li ħareġ il-permess ta' 25 euros bhal ma nzamm ghall-events ohra li saru fil-lokalita'. Spjega kif ta permess lil Kiosk li hemm ix-Xatt biex jinħarġu iktar mwejjed u siġġijjiet għan-nies li jiġu għall-Attivita'.

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-laqgha li kienet se ssir nhar l-Erbgħa li ġej fejn kellhom ikunu prezenti il-Kunsill kollu u l-Kuntrattur tal-Knis is-Sur John Borg.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat gibed l-attenzjoni lil-Kunsill fejn qal li ċertu toroq bhal Antonio Nani ma nkinisx. Il-Kunsillier Frank Roe ma qabilx miegħu u qal li kullimkien inkiness kif suppost. Miegħu kien hemm wkoll preżenti is-Sur Tony Teuma l-Operation Supervisor li ġibed l-attenzjoni lil-Kunsillier Eugenio Muscat li l-laqgħa mas-Sur John Borg kienet saret 15 il-gurnata qabel u staqsih għala reġa resaq dan l-ilment meta kellu dan il-ħin kollu biex jghamel il-Kuntatt mal-Kuntrattur tal-knis John Borg. Il-Kunsillier Frank Roe qal li Kunsillier Eugenio Muscat jekk għandux xi problema biex jiltaqgħa mal-Kuntrattur. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li għadu m'għamilx appuntamenti miegħu

**2 Kommunikazzjoni mis-Sindku…..**

2.4 Il-Kunsill iddiskuttew il-Kuntratti li skadew u għadhom ma nthargux. L-Aġent segretarju Ezekuttiv Paul Pace spjega li dawn ilhom skaduta sitt xhur u skondk il-liġl irridu joħorġu kemm jista jkun fis possibli.

Il-Kunsill qabel unanimment ma dan.

2.5 Il-Kunsill tkellem rigward żewg skips li għandhom il-Waterpolo Club biex inneħħuhom minn fejn qegħdin għax qed jintnu ħafna.

Il-Kunsill qabel li għandu jmur ikellimhom l-*Operation Supervisor* tal-Kunsill.

2.6 Ddiskuttew ix-xelter li hemm ix-Xatt. Din ix-xelter miftuħa spiċċat tintuża bhalha miżbla. Is-Sindku Max Żammit issuġġerrixxa li din għandha titnaddaf u tingħalaq.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan

2.7 Ddiskuttew il-bins tax-Xatt li ma kienux qed jigu mmnaddfa u li dan ghandu jsir mill-Kuntrattur li jbattal l-bins.

2.8 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-Ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC u rigward ir-rikkjesta li għamel il-Kunsill biex jintbgħatu xi ħaddiema. L-IPSL kienu aċċertaw lil Sindku Max Żammit u lil-Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace matul il-laqgha magħhom li se jintbgħatu l-ħaddiema li għandu bżonn il-Kunsill fix-xahar li ġej . L-ETC bghatu ittra fejn qallu li hekk kif jispiċċa s-Sajf u l-ħaddiema tal-ETC illestu xi xogħolijiet li qegħdin jgħamlu se jintbghatu xi ħaddiema l-Kunsill.

## 3 SAILING VILLAGE

3.1 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward it-talba biex issir *Sailing Village* f'Settembru li ġej għal-15 il-ġurnata fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. .

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace informa lil-Kunsill bill-laqgha li kellu mas-Sur Curzio Merchio l-organizer li kien qiegħed jieħu ħsieb dan il-proġġett.. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kunsillier Frank Roe. Is-Sur Curzio Merchio offra li jħallas is-somma ta' 1,000 euro u li jtuna sponsored tshitrs, etc, lil Kunsill'. L-Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal lis-Sur Merchio li l-proposta tiegħu se tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Qallu wkoll biex jibgħat ittra bid-dettalji kolloha inkluż *site plan*

Is-Sindku Max Zammit ipprezenta l-ittra li intbghatet mis-sur Merchio dwar is-suġġett..

Il-Kunsill iddiskuttew l-ammont ta' 1,000euro li l-*organizers* tas-*Sailing Village* offrew biex iħallsu. Ġie deċiż li l-ammont kien żghir wisq komparat ma l-attivita li kellhom ir-Royal Malta Yacht Club meta kellhom l-attivita tal Middle Sea Race is-sena li għaddiet, fejn ħallsu ammont ħafna ikbar u li għandha tiġi ttratata bl-istess mod.

Fil-5.15pm il-Kunsilleir Eugenio Muscat gie skużat.

## 4 PV PANELS

4.1 l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace tkellem rigward it-Tender tal-PV Panels tal-Kuntrattur *Bajada New Energy*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace informa lil Kunsill li wara li kellu laqgħa mal-Kuntrattur tal PV Panels, dan flimkien mal-inginier tal-projett is-Sur Vincent Rapa għamlu *on site inspection* tal-postijiet fejn se jiġu installatti l-PV Panels.

## 5 ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq għall-laqgħa il-pagament tat-Twish il-Kuntrattur tal-knis biex dan jiġi approvat peress li kien hemm xi nuqqassijiet minn naħa tal-Kuntrattur.

Gie diskuss u l-Kunsill qablu unanimment li dan għandu jiġi iffirmat iżda, jitħallas wara li jkollhom il-laqgha miegħu nhar l-Erbgħa u l-Kuntrattur ikun ta spjegazzjoni sodisfacenti fuq in-nuqqassijiet li kien qed ikollu dawn l-aħħar ġimgħat.

5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq Memo17/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern lokali rigward l-iskema tal-Live Streaming. Is-Sindku Max Żammit xtaq li għalissa din issir iktar il-quddiem.

l-Kunsill qabel unanimament ma dan.

5.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace ġibed l-attenzjoni rigward il-kwottazzjonijiet li kienu nħargu xahar qabel. Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-preżenża tal-Kunsill u dawn il-kwottazzjonijiet ġew mgħoddijin. Irriżulta li hemm 32-il kwottazzjoni. Ġew iffirmati mis-Sindku Max Żammit u u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace u reġġgħu tpoġġew gol-kaxxi..

Ġie deċiż li l-envelopes se jinfetħu fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

5.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq ittra li rċieva l-Kunsill mingħand il-MEPA biex jghati permes lis-Sur Raymond Farrugia għall-installazzjoni ta' erba' *car charge points* fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Il-Kunsill ma qabilx ma dan peress li kienu se jittieħdu erba' *car parking spaces* meta diga hemm problema ta' parking fix- Xatt. Se tintbgħat ittra ta' oġġezzjoni minn naħa tal-Kunsill

## 6 EGĦLUQ TAL-LAQGĦA

Il-Kunsill siċċat il-laqgħa fis-6.00pm u aġġornaw għat-8 ta' Awissu  fis-2.00pm peress li kien għad fadal x'jiġi diskuss.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv